MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru 1850/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**ALFRED AZZOPARDI**
**TERESA CUSCHIERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Alfred Azzopardi ta’ 60 sena, iben il-mejjet Paul u l-mejta Aldelina Sciberras, imwieled il-Gzira fis-6 ta’ Marzu 1950, residenti f’42, Triq il-Mini tax-Xatt, Isla u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 229950(M). Teresa Cuschieri, 43 sena, bint il-mejjet Nazzareno Cuschieri u l-mejta Doris nee’ Sapiano, imwielda Pieta’ fid-19 ta’ Ottubru 1967, residenti f’43, Triq il-Mini tax-Xatt u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 450667(M);

Illi huma akkuzati talli fil-Furjana u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar l-24 ta' Novembru 2010 ghal habta ta' l-erbgha ta' wara nofs inhar (4p.m.) u fil-gimghat precedenti, naqsu milli jharsu xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet ta' nhar it-28 ta' April 2010 li bih inghataw il-helsien mill-arrest, u b'digriet ta' 3 ta' Mejju 2010 mill-Qorti Kriminali u fis-17 ta' Mejju 2010 mill-Qorti tal-magistrati (Malta) li bih gew varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u kif emendat sussegwentament;

Ghaldaqstant nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputati zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, l-Qorti ssib lill-imputati **Alfred Azzopardi u Teresa Cuschieri**, hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 579(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputati ghal xaharejn prigunerija.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali rafrettarja ta' zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------